# KAPITOLU 18

## ORDINANZA DWAR IĊ-ĊIMITERJU TA' L-ADDOLORATA*

*Biex tagħmel xi disposizzjonijiet dwar iċ-Ċimiterju ta' Addolorata.*

26 ta' Lulju, 1870

*L-ORDINANZA II ta' l-1870, kif emendata bl-Ordinanzi V ta' l-1876 u XIX ta' l-1921; bl-Avviż Legali 4 ta' l-1963; bl-Atti XI ta' l-1977 u XIII ta' l-2005; u bl-Avviż Legali 407 ta' l-2007.*

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' din l-Ordinanza huwa l-Ordinanza dwar iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.

Katavri meħuda fiċ-ċimiterju għad-dfin mingħajr liċenza.

**2.** Kull katavru li, mingħajr liċenza tal-Pulizija, jiġi meħud għad-dfin fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, għandu jitqiegħed fil-kamra li qiegħda għaldaqshekk, u għandu jinżamm hemm, barra minn meta jiġi ordnat xort'oħra mill-Pulizija jew minn qorti tal-ġustizzja, taħt il-kustodja tal-kappillan jew ta' persuna oħra impjegata fiċ-ċimiterju, sakemm tinġieb il-liċenza hawn fuq imsemmija.

Partikolaritajiet li għandhom jitniżżlu fil-liċenza.
*Emendat: XI. 1977.2.*

**3.** Din il-liċenza għandu jkun fiha l-partikolaritajiet li ġejjin:

(*a*) id-data tal-liċenza;

(*b*) l-isem, il-kunjom, il-professjoni, is-sengħa jew stat ieħor, u l-età, il-lok tat-twelid, tal-mejjet, u l-lok ta' fejn dan kien joqgħod l-aħħar;

(*ċ*) l-isem u l-kunjom ta' missier u omm il-mejjet, u jekk humiex ħajjin jew mejta;

(*d*) l-isem u l-kunjom tar-raġel jew tal-mara tal-persuna mejta, u jekk din il-persuna kinitx miżżewġa jew armla;

(*e*) il-ħin, il-jum, ix-xahar, is-sena, u l-lok li fihom il-persuna mejta, mietet;

(*f*) il-kawża tal-mewt;

(*g*) jekk il-katavru għandux jindifen f'qabar komuni jew f'qabar privat, bl-indikazzjoni, f'dan l-aħħar każ, tan-numru tal-qabar, u tad-diviżjoni, tas-sezzjoni, u tal-kompartiment taċ-ċimiterju fejn il-qabar ikun qiegħed, u tat-titolu tal-mejjet li jiġi midfun fih:

Iżda, qabel ma toħroġ l-imsemmija liċenza, il-Pulizija tista' titlob lill-applikant biex jipproduċi dikjarazzjoni bil-miktub fejn jidher dak it-titolu.

---

**Ara* wkoll l-Ordinanza dwar id-Dfin (Kapitolu 17) u t-Taqsima VI tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10).

Setgħat ta' l-uffiċjal li joħroġ il-liċenza.

Kap. 16.

**4.** Biex jiġbor jew jivverifika l-partikolaritajiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, l-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ tal-liċenza, għandu l-istess setgħat li taħt l-artikolu 302 tal-Kodiċi Ċivili huma mogħtija lill-uffiċjal inkarigat mill-kitba ta' l-atti tal-mewt.

Meta l-uffiċjal ma jirnexxilux jieħu informazzjoni sewwa fuq xi partikolarità.

**5.** Jekk, wara li jkun għamel tfittxija kif jinħtieġ, l-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ tal-liċenza ma jirnexxilux jieħu informazzjoni sewwa fuq xi partikolarità msemmija fl-artikolu 3, hu għandu jiddikjara fil-lok li jmiss fl-istess liċenza, li dik il-partikolarità mhix magħrufa minnu:

Iżda f'dan il-każ hu għandu, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mill-kitba ta' l-att tal-mewt, jibgħat kopja ta' dak l-att lill-uffiċjal taċ-ċimiterju li jkun irċieva l-liċenza hawn fuq imsemmija.

Jedd għad-dfin. *Emendat: XIII. 2005.11.*

Kap. 17.

**6.** Dwar il-jedd tal-mejjet fuq qabar privat, għandhom jiġu mħarsa fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) id-dixxendenti kollha ta' persuna li lilha kien ġie mogħti, fil-knisja jew kappella, il-qabar li minfloku, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar id-Dfin ġie mogħti qabar ieħor fiċ-ċimiterju, jitqiesu li għandhom jedd daqsinsew li jindifnu f'dan il-qabar;

(*b*) kull persuna titqies li għandha jedd li tindifen fil-qabar mogħti minflok dak li jkun jinsab fil-knisja jew kappella, u li fih kull wieħed mill-qraba tiegħu mid-demm ikun ġie, b'jedd tiegħu nnifsu, midfun;

(*ċ*) il-mara jew ir-raġel jistgħu jiġu midfuna fil-qabar tal-familja tiegħu jew tagħha, jew f'dak ta' wieħed minnhom jew f'dak tal-familja tiegħu jew tagħha.

Oqbra mogħtijin flok oħrajn mhux innumerati. *Emendat: XIX. 1921.3.*

**7.** Persuna li l-jedd tagħha kien fuq qabar privat mogħti flok ieħor li kien jinsab fi knisja jew kappella, iżda mingħajr indikazzjoni tan-numru ta' dan l-aħħar qabar, għandha tiġi midfuna f'wieħed mill-oqbra li qegħdin fid-diviżjoni tal-punent, sezzjoni Z, kompartiment A, taċ-ċimiterju hawn fuq imsemmi, u mmarkati bin-numri 1 sat-30, inkella f'wieħed mill-oqbra li jiġu magħżula għal dan il-ħsieb mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Ċertifikat li jipprova titolu. *Emendat: V. 1876.1.*

**8.** (1) Ċertifikat mill-kappillan jew superjur ieħor ta' knisja jew kappella, li bih jiġi ddikjarat illi l-mejjet hu dixxendent ta' persuna li lilha kien ġie mogħti qabar partikolari f'dik il-knisja jew kappella, inkella qarib mid-demm ta' persuna midfuna f'dik il-knisja jew kappella, u li jkun fih miġjub in-numru ta' dak il-qabar, inkella, li fih ikun jingħad li dak il-qabar m'għandux numru, jew, skond ma jkun il-każ, li ma jistax jingħad fiż-żgur f'liema qabar partikolari l-qarib mid-demm hawn fuq imsemmi kien ġie midfun, jitqies li hu biżżejjed għall-Pulizija biex tindika fil-liċenza, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, il-qabar fiċ-ċimiterju li fih il-mejjet għandu jiġi midfun.

Iċ-ċertifikat għandu jkun iffirmat.

(2) Iċ-ċertifikat imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkollux l-effett meħtieġ, dwar il-qrubija tal-persuna mejta ma' dik li lilha kien ġie mogħti qabar, jew li kienet ġiet midfuna, fi knisja jew kappella, kemm-il darba dan iċ-ċertifikat ma jkunx iffirmat jew kontrofirmat

mill-kappillan jew saċerdot ieħor li jkollu l-kura ta’ l-erwieħ.

**9.** Fin-nuqqas taċ-ċertifikat hawn fuq imsemmi, jew ta’ provi oħra ta’ jedd fuq qabar privat, il-mejjet għandu jiġi midfun f’wieħed mill-oqbra tal-komun:

Nuqqas tal-prova tat-titolu. *Emendat: XIX.1921.2,3; A.L. 107 ta’ l-2007.*

Iżda, f’dan il-każ, kull persuna tista’, mingħajr ma jkun jinħtieġ li tiddikjara x’interess għandha hija nfisha, u wara li tqiegħed, fl-uffiċċju tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, is-somma ta’ sittax-il euro u wieħed u tletin ċenteżmu (16.31) (li hija l-kost tal-qabar u l-ispejjeż tan-nutar u spejjez oħra li għandhom x’jaqsmu ma’ l-akkwist tal-qabar), titlob li l-mejjet jiġi provviżorjament midfun f’qabar partikolari li jkun għad ma ġiex mogħti lil ħaddieħor; u jekk, fi żmien sentejn minn dak in-nhar tad-difna, fuq talba tal-persuna hawn fuq imsemmija, jiġi ddikjarat mill-qorti li l-mejjet kellu jedd għal dfin f’qabar privat, il-katavru, fuq talba u bi spejjeż ta’ dik il-persuna, fiż-żmien li jmiss, jiġi meħud f’dak il-qabar.

**10.** Meta l-katavru jiġi meħud kif jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, id-depożitant jista’ jieħu lura mingħand is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika s-somma mqiegħda kif hawn fuq imsemmi.

Meta d-depożitu jiġi meħud lura. *Emendat: XIX. 1921.3.*

**11.** Meta d-dikjarazzjoni tal-qorti dwar il-jedd tal-mejjet fuq qabar privat kif jingħad fl-artikolu 9, ma tiġix mogħtija fiż-żmien imsemmi f’dak l-artikolu, inkella, jekk din id-dikjarazzjoni tiġi mogħtija, il-katavru ma jiġix meħud f’dak il-qabar fi żmien xahar mill-jum ta’ dik id-dikjarazzjoni, jew, fil-każ li din id-dikjarazzjoni tiġi mogħtija qabel ma tagħlaq sena minn dak in-nhar tad-difna, fi żmien xahar mid-data ta’ avviż tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, is-somma ddepożitata tibqa’ għall-Gvern, bħala kumpens tal-qabar okkupat kif jingħad f’dak l-istess artikolu:

Meta d-depożitu jintilef. *Emendat: XIX. 1921.3.*

Iżda, f’dan il-każ, il-qabar jitqies bħala li ġie akkwistat mill-persuna li tkun għamlet id-depożitu, u hija jkollha jedd titlob li jiġi magħmul l-att meħtieġ tal-konċessjoni ta’ dak il-qabar.

**12.** Meta, għar-raġuni msemmija fl-artikolu 12(2) ta’ l-Ordinanza dwar id-Dfin, katavru jiġi mqiegħed depożt fil-post magħżul mill-Gvern għal dan il-ħsieb, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, meta jasal iż-żmien li dak il-katavru jista’ jiġi meħud fil-qabar tiegħu, għandu jagħti avviż ta’ dan lil wieħed mill-qraba jew mill-werrieta tal-mejjet, kif jagħżel hu; u jekk dan il-qarib jew werriet jonqos li jagħmel il-ġarr tal-katavru fi żmien xahar mid-data ta’ dan l-avviż, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista’ jordna l-ġarr bi spejjeż tal-Gvern u mbagħad jitlob il-ħlas lura ta’ dawn l-ispejjeż mingħand il-persuna li lilha jkun ġie mibgħut l-avviż hawn fuq imsemmi, bla ħsara dejjem tal-jedd ta’ din il-persuna għall-indennizz mingħand il-werrieta tal-mejjet, jew, jekk hija nfisha tkun waħda mill-werrieta, mingħand il-werrieta l-oħra sħabha.

Ġarr ta’ katavri mid-depożt għall-oqbra tagħhom. *Emendat: XIX. 1921.3.* Kap. 17.

**13.** Jekk persuna jkollha jedd fuq żewġ oqbra privati jew iżjed, il-għażla tal-qabar li fih hija tkun tixtieq tindifen tista’ ssir ukoll bil-fomm; u fil-mewt tagħha, din il-għażla titqies li ġiet ippruvata mqar b’sempliċi dikjarazzjoni bil-fomm tar-raġel jew tal-mara, tal-

Għażla ta’ qabar minn persuna li jkollha jedd fuq żewġ oqbra jew iżjed.

ġenitur, ta' l-iben jew tal-bint, jew ta' xi qarib ieħor tal-mejjet, jew b'dikjarazzjoni bħal din magħmula mis-saċerdot jew mit-tabib li minnu l-persuna hawn fuq imsemmija tkun ġiet assistita fl-aħħar marda tagħha.

Disposizzjoni dwar jedd ta' dfin f'qabar partikolari.

**14.** Il-persuna li għandha jedd ta' dfin f'qabar partikolari, tista' titlob li kull disposizzjoni magħmula minna dwar dan il-jedd, sew jekk din id-disposizzjoni tkun sabiex ebda katavru ieħor ta' ebda persuna oħra ma jiġi midfun f'dak il-qabar, jew sabiex il-jedd tiegħu, wara mewtu, igħaddi għand persuni oħra minnu maħtura, għandha tiġi rreġistrata fil-kotba miżmumin fiċ-ċimiterju jew f'uffiċċju pubbliku ieħor, fejn l-oqbra privati huma rreġistrati.

Eċċezzjonijiet.

**15.** (1) Kull disposizzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan ma jkollhiex effett jekk ma ssirx b'att pubbliku.

(2) Ma jkollha lanqas ebda effett, jekk, meta l-qabar ikun ta' tnejn min-nies jew iżjed, dik id-disposizzjoni ma ssirx minn dawk il-persuni kollha.

Fin-nuqqas ta'dispozizzjoni speċjali, il-jedd ta' dfin f'qabar igħaddi, wara l-mewt tal-pussessur, lill-qraba tiegħu mid-demm.

**16.** Fin-nuqqas ta' disposizzjoni speċjali oħra, il-jedd ta' dfin f'qabar partikolari jgħaddi, wara l-mewt tal-pussessur, lill-qraba tiegħu mid-demm fl-ordni li huma msejħa mil-liġi għas-suċċessjoni bla testment, għad illi dawn ma jkunux il-werrieta tiegħu.

Setgħa tal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika li jagħmel regolamenti.
*Emendat:*
*A.L. 4 ta' l-1963;*
*XI. 1977.2.*
Kap. 17.

**17.** Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista' jagħmel regolamenti dwar iż-żmien u l-mod tal-ġarr ta' katavri għaċ-ċimiterju, dwar id-dfin ta' dawn il-katavri, u għall-bon-ordni f'dan iċ-ċimiterju, basta li f'dawn ir-regolamenti ma jkun hemm xejn kuntrarju għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' l-Ordinanza dwar id-Dfin.

Pieni.
*Emendat:*
*XI. 1977.2;*
*A.L. 107 ta' l-2007.*
Kap. 9.

**18.** (1) Kull min jikser xi regolament magħmul taħt l-aħħar artikolu qabel dan, jeħel, meta jinsab ħati, il-pieni stabbiliti mill-Kodiċi Kriminali għall-kontravvenzjonijiet.

(2) Meta l-kontravvenzjoni tiġi magħmula fiċ-ċimiterju minn persuna li ma tkunx għalqet erbatax-il sena, u li tkun daħlet fiċ-ċimiterju taħt il-ħarsien ta' persuna oħra li għalqet tmintax-il sena, il-qorti tista', għal dik il-kontravvenzjoni, tikkundanna lil din il-persuna għal ammenda ta' mhux iżjed minn żewġ euro u tlieta u tletin ċenteżmu (2.33).

(3) Kull min jiffirma jew jipproduċi lill-Pulizija xi dikjarazzjoni meħtieġa skond id-disposizzjoni tal-*proviso* għall-artikolu 3(*g*) meta jkun jaf li dik id-dikjarazzjoni tkun falza jew li jkun fiha xi dikjarazzjoni falza jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.